MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru. 200/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**DILO AHMED OSMAN**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dilo Ahmed Osman, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 53282A.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar id-19 ta` Marzu, 2010, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, b'mod li setghu inbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li rat l-Artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza titratta dwar allegat rapport li ghamel l-imputat dwar il-karozza personali tieghu liema karozza kienet involuta f'incident ta` *hit and run* ma` karozza ohra. Huwa ghamel rapport ili, fil-hin tal-incident, li kien ghal habta tas-saghtejn u s-saghtejn ta` wara filghodu (2:00 - 2:30 am) il-karozza tieghu kienet giet misruqa minn wara l-bieb tieghu fejn huwa kien ipparkja l-karozza fid-disgha ta` filghaxija (09:00pm).

Illi kienu ttiehdu passi kriminali kontra l-imputat odjern talli, bhala sewwieq tal-karozza tal-marka Laguna GBI-272 li taghha kien propjetarju, huwa kien responsabbli ghall-*hit and run* li saret fit-19 ta` Marzu, 2010, ma` vettura ohra, numru ta` registrazzjoni MIC-785. L-imputat kien gie lliberat minn din l-akkuza stante li l-Prosekuzzjoni ma gabitx bizzejjed provi n-sostenn tal-akkuzi taghha. Ix-xhud, Micheline Vassallo, is-sewwieqa tal-vettura MIC-785, dejjem sostniet illi;
"Le, hu kien passiggier, jien mill-ewwel ghidtilhom li kien passiggier".

Illi, sussegwentement ghal din il-liberazzjoni l-awtoritajiet institwew dawn il-proceduri odjerni kontra l-imputat talli ghamel rapport falz illi l-vettura tieghu, tal-marka Laguna,

numru tar-registrazzjoni GBI-272, kienet giet misruqa minn wara bieb id-dar tieghu, lejliet il-*hit and run*, wara li huwa pparkja hemm.

Illi l-uniku xhud okulari tiddentifika lill-imputat bhala bniedem li kien riekeb bhala passiggier hdejn is-*seat* tad-*driver* tal-vettura opposta meta gara l-*hit and run*. Hija wkoll tiddentifika lill-mara li kienet akkompanjat lill-imputat ghall-interrogatorju gewwa l-Ghassa tal-Pulizija meta hija giet iffrontata mal-imputat ghal-skopijiet ta` identifikazzjoni bhala l-mara li kienet riekba bhala passiggier fis-*seat* ta` wara tal-karozza li habtet go fiha.

Illi, min-naha tieghu, l-imputat izomm ferm fuq dak li qal lill-Pulizija fl-interrogatorju tieghu li huwa ma kienx prezenti, sia bhala sewwieq u sia bhala passiggier meta sar il-*hit and run* fid-19 ta` Marzu, 2010, u li fiha kienet involuta l-vettura propjeta` tieghu.

Illi, ghalhekk, id-decizjoni ta` din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita` tal-imputat jew tax-xhud Vassallo. Wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi sussegwenti:

1. L-insistenza persistenti tal-imputat illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-*hit and run* u jibqa` fidil ghall-verzjoni tieghu li l-ahhar li ra l-vettura tieghu kien meta huwa kien ipparkja dina l-istess vettura barra l-bieb tieghu fil-lejn precedenti ghal din l-istess *hit and run* ghal habta tad-disgha ta` filghaxija (09:00pm);

2. Il-hin tal-*hit and run* li saret ghal habta tas-saghtejn u nofs ta` filghodu (02:30am) meta l-vizwali ta` xhud okulari hija fil-minimu Vassallo mhux biss taghraf lill-imputat bhala l-passiggier fil-vettura konfrontanti izda lill-mara li akkompanjatu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija bhala passiggiera fuq is-*seat* ta` wara tal-istess vettura. X'kienet, dak il-lejl, il-vizibilita`? Kienet bizzejjed sabiex ix-xhud Vassallo taghraf, bla ebda dubju kwalsiasi, lill-imputat? M'ghandux wiehed ukoll, jiehu in konsiderazzjoni l-mument instantenju li fih gara dan l-incident

awtomobilistiku stante li jirrizulta sodisfacentement illi l-vettura tal-imputat, biex insejhulha hekk, telqet u saqet minn fuq ix-xena f’berqa ta` salib?

3. Il-Prosekuzzjoni qatt ma gabet prova sodisfacenti li l-imputat kien isellef il-vettura tieghu lil-terzi hbieb illi, regolarment, kienu jsuqu l-vettura tieghu. Dan sabiex ireggu it-tezi taghhom illi seta` kien xi habib tal-imputat li seta` kien qed isuq il-vettura tal-imputat dak il-hin tal-incident. L-unika prova li rnexxielhom igibu huwa li, wara nstabet il-vettura mhabbta tal-imputat, kien habib tal-imputat illi saqha lejn id-dar tal-imputat. Din mhix prova sufficjenti.

Illi, minn dawn iz-zewg verzjonijiet, din il-Qorti bilfors taghzel dik tal-imputat ghaliex it-tezi in sostenn tal-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni mhix issostanzjata bl-ebda mod bi provi indipendenti u inekwivokabbli. Bejn iz-zewg verzjonijiet taz-zewg partijiet, dik tal-Prosekuzzjoni mhix issostanzjata minn provi ulterjuri waqt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex teleb il-verzjoni tad-difiza b’xhieda konvincenti.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedghha tillibera lill-imputat mill-akkuzi lilu ddebitati u dan minhabba dubju ragonevoli.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------